# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 11**

**Rikors Nru. 306/98GV**

**Doc. Nru. 49-01**

**Wara l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 5531/97 fl-ismijiet:**

**Francis Fenech, George Cassar, John Agius u Raymond Agius personalment u FCJR Co. Ltd.**

**vs**

**Traveller's Lodge Co. Ltd. u b'digriet tal-20 ta' April, 1998 gie kjamat fil-kawza Mario Vella**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat ir-rikors ta' Travellers Lodge Company Limited tas-16 ta' Frar, 1998;

Rat ir-risposta a fol. 13 tal-process;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

Ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru 5531/97 fl-ismijiet: "F. Fenech et vs Traveller's Lodge Co..Ltd." ; u tikkundanna lill-intimati jhallsu penali ta' mhux anqas minn Lm500 u mhux aktar minn Lm3,000.

**RISPOSTA**

L-intimati rrispondew li l-kawzali u l-partijiet fis-sekwestru numru 4040/95 m'humiex l-istess bhal dawk fis-sekwestru odjern.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Skond verbal a fol. 35 il-partijiet qablu li l-provi li saru fil-kawza Cit. Nru. 2577/97/GV fl-istess ismijiet ghandhom jghoddu wkoll ghal dan ir-rikors u ghall-kawza l-ohra 2386/99/GV.

Illi b'sentenza deciza llum stess fil-kawza Citaz. Nru. 2577/97GV jirrizulta li d-dokument li gie esibit f'dik il-kawza huwa validu u jikkrea obbligazzjonijiet validi fil-ligi. Ghalhekk l-intimati kellhom kull dritt li johorgu s-sekwestru in kwistjoni.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**